# 333. Ir-Re Franġisk

Ir-Re Franġisk
kien devot wisq,
u tal-fidi difensur,
kien tal-Knisja ġieħ u unur;
fil-palazz
bena kappella
illi kellha
irħamijiet
u dehbijiet
u ħafna anġli fl-iskultura,
u fil-pittura
għarkopptejhom jistednuk
għat-talb
bil-qalb.

Ir-Re Franġisk
kien iħobb wisq
lil Madame d'Obelisque,
u fil-palazz
ħdejn il-kappella
bnielha sala
illi kellha
irħamijiet
u dehbijiet,
u ħafna nisa
fl-iskultura
u fil-pittura
għarwenin,
f'ħafna pożi milwijin,
jistiednuk, iħajruk,
iġennuk.

Kull fl-għaxija
ir-Re Franġisk,
devot wisq,
fil-kappella jagħmel żjara,
u kien jitlob kollu ħrara,
u minn hemm ir-Re Franġisk
jibqa' sejjer
għand ħabibtu d'Obelisque.

Katerina,
ir-Reġina,
kienet tobgħod lill-kappella,
u lil Madame d'Obelisque
u lil żewġha r-Re Franġisk! *

** Is-sala ta' ħabibt ir-re, mżejna kif intqal fuq, tinsab ħdejn il-kappella fil-Palazz ta' Fontainebleu, ir-residenza tas-sajf tar-rejiet ta' Franza.*